

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Medjazzjoni>Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [fr](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**il-Franċiż**

Swipe to change

**Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE**

Belġju

Minflok tiftaħ kawża, għaliex ma ssolvix tilwima permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma alternattiva ta' soluzzjoni għat-tilwim, fejn medjatur jgħin lill-partijiet sabiex jaslu għal ftehim. Fil-Belġju, il-gvern u l-professionisti huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Il-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni (*Commission fédérale de médiation*).

Għalkemm din ma tagħmilx medjazzjonijiet hija stess, il-Kummissjoni federali tirregola l-professjoni u żżomm aġġornata lista ta' medjaturi awtorizzati. Is-segretarjat tal-Kummissjoni joffri tagħrif bl-**Olandiż** u bil-**Franċiż**. Tista' tikkuntattjaha permezz tal-**posta elettronika** u fl-indirizz li ġej:

**SPF Justice***Commission fédérale de médiation**Rue de la Loi, 34**1040 Bruxelles**Tel: (+32) 2 224 99 01**Fax: (+32) 2 224 99 07*

Il-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni tiggarantixxi (permezz tal-approvazzjoni tal-medjaturi) il-kwalità u l-iżvilupp tal-medjazzjoni.

Il-**lista ta' medjaturi** hija disponibbli bl-**Olandiż** u bil-**Franċiż**.

**F'liema oqsma huwa ammissibbli / frekwenti r-rikors għall-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni hija **ammissibbli** fil-:

Liġi ċivili (inklużi kwistjonijiet tal-familja);

Liġi kummerċjali;

Liġi industrijali;

Teżisti wkoll medjazzjoni kriminali u ta' riparazzjoni, iżda dawn l-oqsma ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni.

L-**iktar** qasam ta' medjazzjoni **frekwenti** huwa l-liġi ċivili, b'mod speċjali l-kwistjonijiet tal-familja.

**X'inhuma r-regoli li wieħed għandu jsejwi?**

Il-medjazzjoni hija **għażla volontarja tal-partijiet**, u m'hijiex soġġetta għal xi pieni f'każ li ma tinexxiex.

Skont id-dispożizzjonijiet reċenti tal-liġi tal-familja, l-imħallef huwa mistenni li jinforma lill-partijiet bl-eżistenza u l-potenzjal tal-medjazzjoni.

Jeżisti "**Kodiċi ta' Kondotta**" tal-medjaturi, disponibbli bl-**Olandiż** u bil-**Franċiż**.

**Informazzjoni u taħriġ**

Hemm **ħafna informazzjoni** disponibbli fuq is-sit elettroniku, bl-**Olandiż** u bil-**Franċiż**, li tagħti tagħrif dwar l-aspetti differenti tal-medjazzjoni (il-proċess tal-medjazzjoni, spejjeż, indirizzi,...).

**Ir-rokna tal-professionisti**

Din il-parti tas-sit elettroniku tal-Web tinforma dwar il-**kriterji ta' approvazzjoni u l-kondizzjonijiet tat-taħriġ** tal-medjaturi.

Il-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni rregolat it-taħriġ tal-medjaturi, iżda t-taħriġ innifsu jingħata mis-settur privat.

Il-programm jinkludi kurrikulu komuni ta' 60 siegħa li jinqasam fuq mill-inqas 25 siegħa ta' taħriġ teoretiku u mill-inqas 25 siegħa ta' taħriġ prattiku.

Il-**kurrikolu komuni** jkopri l-prinċipji ġenerali tal-medjazzjoni (etika/filosofija), l-istudju ta' **Modi Alternattivi** differenti ta' **Soluzzjoni ta' Tilwim**, il-liġi applikabbli, l-aspetti soċjoloġiċi, psikoloġiċi u l-proċess ta' medjazzjoni.

L-**eżerċizzji prattiċi** jkopru s-suġġetti tal-programm u jiżviluppaw, permezz ta' simulazzjoni ta' rwoli, il-kapaċitajiet ta' negozjar, u ta' komunikazzjoni.

Minbarra dan il-kurrikulu komuni, hemm programmi partikolari għal kull tip ta' medjazzjoni (mill-inqas 30 siegħa li jinqasmu liberament bejn il-ħin tat-taħriġ teoretiku u prattiku).

Hemm programmi partikolari fil-medjazzjoni tal-familja, ċivili u kummerċjali, u soċjali.

**Il-kriterji ta' approvazzjoni**

il-kriterji ta' approvazzjoni tal-medjaturi,

id-Direttivi dwar il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni sabiex wieħed jikseb liċenzja bħala medjatur fuq il-bażi tal-liġi tal-21 ta' Frar 2005,

l-inventarju tat-talba għal rikonoxximent bħala medjatur (Word)

**Il-kriterji ta' taħriġ / taħriġ permanenti**

Taħriġ bażiku

Id-Deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta' approvazzjoni taċ-ċentri ta' taħriġ u tat-taħriġ tal-medjaturi approvati (PDF)

Il-Proċeduri ta' taħriġ tal-medjaturi approvati mill-Kummissjoni Federali tal-Medjazzjoni

Taħriġ kontinwu

Deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi l-obbligi tal-medjaturi approvati rigward taħriġ kontinwu u l-kriterji ta' approvazzjoni tal-programmi f'dan is-suġġett

**Il-Kodiċi ta' kondotta tajba**

Il-Kodiċi ta' kondotta tajba tal-medjatur approvat (Word)

**Il-Ġestjoni tal-ilmenti**

Id-Deċiżjoni li tirrigwarda l-proċedura tal-irtirar tal-approvazzjoni, id-determinazzjoni ta' sanzjonijiet li jirriżultaw mill-kodiċi ta' kondotta tajba u l-proċedura tal-applikazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet

## Kemm tiswa flus medjazzjoni?

Medjazzjoni m'hijiex bla ħlas. **Il-dritt** tal-medjatur **huwa soġġett għal ftehim** bejn il-medjatur privat u l-partijiet. Il-liġi ma tirregolahomx. Ġeneralment, kull parti tħallas nofs id-dritt.

Parti tista' tikseb **għajnun**a sabiex tħallas id-dritt ta' medjatur, jekk din ikollha dħul baxx u sakemm il-medjatur ikun awtorizzat.

## Jista' wieħed jagħti effett lil ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?

Skont id-[Direttiva Ewropea 2008/52/KE](#), huwa possibbli li wieħed jittlob li ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni isir inforzabbli. L-Istati Membri jikkomunikaw liema tribunali jew awtoritajiet oħrajn huma kompetenti sabiex jirċievu talbiet bħal dawn. Il-Belġju għadu ma kkomunikax din l-informazzjoni. Madankollu, skont l-Artikoli 1733 u 1736 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, huwa possibbli li wieħed iġib l-approvazzjoni ta' ftehim minn medjazzjoni mingħand imħallef, li jagħmel dan il-ftehim awtentiku u inforzabbli. F'dak li jirrigwarda l-forma, il-ftehim imbagħad jiġi mibdul f'sentenza.

Teżisti alternattiva għall-approvazzjoni. Fil-fatt huwa possibbli li wieħed jibdel il-ftehim minn medjazzjoni f'dokument notarili għand nutar. B'hekk il-ftehim ukoll isir awtentiku u inforzabbli mingħajr ma wieħed jirrikorri għal imħallef. Din l-għażla hija possibbli biss jekk il-partijiet kollha jkunu jaqblu.

## Links relatati

[Service Public Fédéral Justice](#) (Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja)

[Commission fédérale de médiation](#) (Kummissjoni Federali tal-Medjazzjoni)

L-aħħar aġġornament: 06/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.